# L-ERBGHIN SENA PARROĊĊA

Kien nhar it-28 ta' Diċembru ta' l-1967 meta b'digriet maħruġ mill-Arċisqof Mikiel Gonzi twaqqfet it-tieni parroċċa tal-Ħamrun, u li mill-1 ta' Jannar 1968 ħadet it-titlu ta' l-Immakulata Kunċizzjoni tal-Verġni Marija. It-territorju ta' din il-parroċċa ttieħed il-biċċa l-kbira mill-parroċċa l-oħra tal-Ħamrun, dik ta' San Gejtanu, flimkien ma' partijiet żgħar mill-parroċċa ta' San Ġużepp ta' l-Imsida.



Imbagħad nhar il-31 ta' Jannar ta' l-istess sena u b'digriet ieħor maħruġ mill-kurja ta' l-Arċisqof, Dun Ġużepp Mifsud Bonniċi nħatar bħala l-ewwel kappillan tal-parroċċa. Minn hawnhekk 'il quddiem il-parroċċa bdiet taqdi l-ħtiġijiet tal-parruċċani, kemm dawk spiritwali u mhux b'inqas dawk soċjali.

Nhar l-10 ta' Frar 1968, inġiebet minn Spanja t-tieni statwa titulari u din bdiet toħroġ ta' kull sena fit-toroq waqt il-purċissjoni tal-festa. Matul l-istess sena sar l-innu ta' l-Immakulata Kunċizzjoni, kliem ta' Dun Frans Camilleri u mużika tas-surmast Ġużeppi Abela Scolaro.

Nhar it-8 ta' Diċembru ta' l-1968 kienet ġiet iċċelebrata l-ewwel festa titulari. Imbagħad mill-1971 il-festa bdiet issir nhar l-ewwel Ħadd ta' Lulju. Dan sar wara referendum fost il-parruċċani, u li flimkien iddeċidew li l-festa kellha tibda ssir fis-sajf. Dan sar għaliex il-maltemp kien qed joħloq problemi waqt iċ-ċelebrazzjonijiet u anki ħsarat fl-armar.



Bil-bini tal-knisja kważi lest, il-kappillan u l-kleru bdew jaħdmu fuq il-bini tad-dar parrokkjali. Fil-fatt l-ewwel ġebla tad-dar parrokkjali tqiegħdet nhar il-5 ta' Diċembru ta' l-1970. Imbagħad fis-7 ta' Diċembru 1973 infetaħ iċ-ċentru parrokkjali, post mgħammar bi kmamar għad-duttrina tat-tfal, kamra għall-abbatini, kmamar għall-għaqdiet, bar u sala kbira fis-sular ta' fuq.

F'April ta' l-1976 kien ġie l-Monsinjur Valerio Vigorelli ta' l-iskola Beato Anġelico

ta' Milan sabiex jagħti bidu għall-proġett tat-tisbiħ tal-knisja parrokkjali. Dan il-proġett inbeda sena wara, eżattament f'Lulju ta' l-1977.



Fl-1978 il-parroċċa ċċelebrat l-10 anniversarju mit-twaqqif tagħha. Il-konċelebrazzjoni kienet tmexxiet minn Monsinjur Mikiel Gonzi, Isqof Emeritus. Dakinhar bħala tifkira kienet inkixfet l-istatwa tal-Kunċizzjoni li hemm biswit il-knisja parrokkjali.

Fit-18 ta' Frar ta' l-1979 Dun Manwel Aġius inħatar kappillan tal-parroċċa. Dan il-kappillan kompla fuq dak li ħalla ta' qablu, u b'hekk, fost l-oħrajn tkompla l-proġett maestuż tal-knisja parrokkjali.

F'Ottubru ta' l-1980 infetħet il-librerija parrokkjali, kamra mdaqqsa u mgħammra b'diversi kotba, rivisti u affarijiet oħra relatati mar-reliġjon.

F'Awissu ta' l-1982 tnieda l-proġett tal-presbiterju fuq disinn ta' l-istess Monsinjur Valerio Vigorelli. Il-proġett sar mid-ditta Spiteri Sacco u kien komplut f'Diċembru ta' l-istess sena.

F'Diċembru ta' 1983 ġie inawgurat it-titular li jirrappreżenta lill-Marija Immakulata, xogħol fil-mużajk tad-ditta T. Sarti ta' l-Italja. Ġie inawgurat ukoll tabernaklu ġdid, disinn ta' Ġianni Bonniċi.



F'Diċembru ta' l-1986 inbeda x-xogħol tal-paviment tal-knisja. Il-proġett kien lest f'April tas-sena ta' wara.

F'Novembru ta' l-1985 ġiet irregalata t-tielet statwa titulari tal-Kunċizzjoni mill-Arċikonfraternità tal-Kunċizzjoni tal-Belt Valletta u li ħadet post dik ta' qabilha. Mas-snin l-istatwa saritilha l-induratura, kif ukoll pedestall, stellarju, mant, bradella fil-ġewż Afrikan u sett fjuretti. B'hekk l-istatwa titulari ngħatat dehra unika u fost l-isbaħ.

Data tassew storika bla ebda dubju kienet dik tat-28 ta' Mejju ta' l-1988, meta l-knisja u l-altar kienu ġew ikkonsagrati minn Monsinjur Arċisqof Ġużeppi Mercieca. F'dik is-sena kien tfakkar l-20 anniversarju

tal-parroċċa. Għal dan l-anniversarju kienet anki tpoġġiet statwa kbira ta' l-Immakulata Kunċizzjoni fuq il-faċċata tal-knisja parrokkjali, xogħol ta' Ġorġ Atkins. Dakinhar kienet inawgurata ukoll l-ewwel bandiera bl-emblema tal-parroċċa, xogħol ta' Ivan Buġeja.

Nhar it-30 ta' Mejju ta' l-1993 tqiegħed sett ta' erba' qniepen fuq il-kampnar tal-knisja parrokkjali, sett maħdum mid-ditta Achille Mazzola ta' l-Italja. Dan sar wara xhur ta' restawr ta' l-istess kampnar.

F'Mejju ta' l-1996 tfakkar il-75 anniversarju minn meta Pawlu Burlo' beda jiġbor in-nies għar-rużarju. Dakinhar kienet ġiet mikxufa lapida kommemorattiva mad-dar fejn Pawlu kien joqgħod.

Nhar l-10 ta' Diċembru tas-sena 2000 sar il-pussess tat-tielet kappillan tal-parroċċa Dun Nazzarenu Caruana. L-ikbar opra li saret meta hu kien kappillan kienet l-antiporta tal-bieb prinċipali tal-knisja.

Matul l-2004 fil-parroċċa kien ġie ċċelebrat il-150 sena mid-Domma ta' l-Immakulata Kunċizzjoni. Nhar is-7 ta' Diċembru kien sar pellegrinaġġ fit-toroq bl-istatwa titulari ta' l-Immakulata Kunċizzjoni. Imbagħad l-għada, Dun Salv Borġ ħa l-pussess bħala r-raba' kappillan ta' din il-parroċċa.



Din is-sena jaħbat l-40 sena mit-twaqqif tal-parroċċa u għalhekk qed jiġi organizzat programm t'attivitajiet li bdew f'Diċembru tas-sena l-oħra u li se jibqgħu sejrin sa tmien din is-sena. Iċ-ċelebrazzjonijiet se jilħqu l-qofol tagħhom matul il-festa tal-parroċċa li se ssir fl-ewwel ġimgħa ta' Lulju. Barra minn hekk bħala tifkira dejjiema ta' dan l-anniversarju ġiet mibnija kappella għall-adorazzjoni u ingħata ukoll bidu għall-proġett tar-restawr tal-faċċata tal-knisja.

Mak Dao
Pizzeria & Take Away
77, Qrejten Street, Msida
Tel: 2124 4296
Mob: 9982 2086
Mob: 9986 1602
OPEN ALL DAY
Monday to Sunday
FREE DELIVERY
From 19.00 till 23.00